REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1589

tas-26 ta' Settembru 2019

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi amidosulfuron, beta-cyfluthrin, bifenox, chlorotoluron, clofentezine, clomazone, cypermethrin, daminozide, deltamethrin, dicamba, difenoconazole, diflubenzuron, diflufenican, fenoxaprop-P, fenpropidin, fludioxonil, flufenacet, fosthiazate, indoxacarb, lenacil, MCPA, MCPB, nicosulfuron, picloram, prosulfocarb, pyriproxyfen, thiophanate-methyl, triflusulfuron u tritosulfuron

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ([2]) tistabbilixxi s-sustanzi attivi meqjusin approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

(2) Il-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi beta-cyfluthrin, chlorotoluron, clomazone, cypermethrin, daminozide, deltamethrin, fludioxonil, flufenacet, fosthiazate, indoxacarb, MCPA, MCPB, prosulfocarb u thiophanate-methyl ġew estiżi bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1262 ([3]) sal-31 ta' Ottubru 2019.

(3) Il-perjodu ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva tritosulfuron ġie estiż bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1796 ([4]) sat-30 ta' Novembru 2019.

(4) Il-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi amidosulfuron, bifenox, clofentezine, dicamba, difenoconazole, diflubenzuron, diflufenican, fenoxaprop-P, fenpropidin, lenacil, nicosulfuron, picloram u pyriproxyfen ġew estiżi bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1796 sal-31 ta' Diċembru 2019.

(5) Il-perjodu ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva triflusulfuron se jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2019.

(6) L-applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-approvazzjoni ta' dawk is-sustanzi ġew ippreżentati f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 ([5]).

(7) Il-valutazzjoni ta' dawk is-sustanzi ddewmet minħabba raġunijiet li ma kinux fil-kontroll tal-applikanti, u għalhekk x'aktarx li l-approvazzjonijiet ta' dawk is-sustanzi attivi jiskadu qabel ma tkun ittieħdet deċiżjoni dwar it-tiġdid tagħhom. Għalhekk hemm bżonn li l-perjodi ta' approvazzjoni tagħhom jiġu estiżi.

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1262 tal-20 ta' Settembru 2018 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi 1-metilċiklopropen, beta-ċiflutrin, klorotalonil, klorotoluron, klomażon, ċipermetrina, daminożid, deltametrina, dimetenammid-p, diuron, fludioksonil, flufenaċet, flurtamon, fostijażat, indoksakarb, MCPA, MCPB, prosulfokarb, tijofanat-metil u tribenuron (ĠU L 238, 21.9.2018, p. 62).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1796 tal-20 ta' Novembru 2018 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi ammidosulfuron, bifenoks, klorpirifos, klorpirifos-metil, klofenteżina, dikamba, difenokonażol, diflubenżuron, diflufenikan, dimossistrobin, fenoksaprop-p, fenpropidina, lenasil, mankożeb, mekoprop-p, metiram, nikosulfuron, oksamil, pikloram, piraklostrobin, piriprossifen u tritosulfuron (ĠU L 294, 21.11.2018, p. 15).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 tat-18 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' tiġdid għas-sustanzi attivi, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 252, 19.9.2012, p. 26).

(8) Fid-dawl tal-għan tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, rigward każijiet meta l-Kummissjoni tadotta Regolament li jistipula li l-approvazzjoni ta' sustanza attiva msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament ma tiġġeddidx minħabba li ma jkunux ġew issodisfati l-kriterji tal-approvazzjoni, il-Kummissjoni tistipula li d-data ta' skadenza tkun l-istess waħda li kienet iffissata qabel l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament jew fid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament li jistipula li l-approvazzjoni tas-sustanza attiva ma tiġġeddidx, skont liema data tiġi wara. Rigward il-każijiet meta l-Kummissjoni tadotta Regolament li jistipula t-tiġdid ta' sustanza attiva msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tfittex li tistabblixxi, skont iċ-ċirkostanzi, l-iktar data ta' applikazzjoni qrib possibbli.

(9) Għalhekk, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Settembru 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Il-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 hija emendata kif ġej:

(1) fir-ringiela 40, għal Deltamethrin, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Ottubru 2020";

(2) fir-ringiela 48, għal Beta-cyfluthrin, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Ottubru 2020";

(3) fir-ringiela 65, għal Flufenacet, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Ottubru 2020";

(4) fir-ringiela 69, għal Fosthiazate, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Ottubru 2020";

(5) fir-ringiela 102, għal Chlorotoluron, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Ottubru 2020";

(6) fir-ringiela 103, għal Cypermethrin, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Ottubru 2020";

(7) fir-ringiela 104, għal Daminozide, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Ottubru 2020";

(8) fir-ringiela 105, għal Thiophanate-methyl, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Ottubru 2020";

(9) fir-ringiela 107, għal MCPA, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Ottubru 2020";

(10) fir-ringiela 108, għal MCPB, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Ottubru 2020";

(11) fir-ringiela 119, għal Indoxacarb, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Ottubru 2020";

(12) fir-ringiela 160, għal Prosulfocarb, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Ottubru 2020";

(13) fir-ringiela 161, għal Fludioxonil, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Ottubru 2020";

(14) fir-ringiela 162, għal Clomazone, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Ottubru 2020";

(15) fir-ringiela 169, għal Amidosulfuron, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Diċembru 2020";

(16) fir-ringiela 170, għal Nicosulfuron, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Diċembru 2020";

(17) fir-ringiela 171, għal Clofentezine, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Diċembru 2020";

(18) fir-ringiela 172, għal Dicamba, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Diċembru 2020";

(19) fir-ringiela 173, għal Difenoconazole, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Diċembru 2020";

(20) fir-ringiela 174, għal Diflubenzuron, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Diċembru 2020";

(21) fir-ringiela 176, għal Lenacil, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Diċembru 2020";

(22) fir-ringiela 178, għal Picloram, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Diċembru 2020";

(23) fir-ringiela 179, għal Pyriproxyfen, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Diċembru 2020";

(24) fir-ringiela 180, għal Bifenox, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Diċembru 2020";

(25) fir-ringiela 181, għal Diflufenican, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Diċembru 2020";

(26) fir-ringiela 182, għal Fenoxaprop-P, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Diċembru 2020";

(27) fir-ringiela 183, għal Fenpropidin, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Diċembru 2020";

(28) fir-ringiela 186, għal Tritosulfuron, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"30 ta' Novembru 2020";

(29) fir-ringiela 289, għal Triflusulfuron, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Diċembru 2020";